By the present, the interpellant Pace Brothers plc (C253) of Savoy Buildings, Triq ir-Repubblika, Valletta, is soliciting you to pay the arrears of the maintenance fees due to it in view of the contract signed between you and the interpellant company on the 4th December, 2017, and that is the amount of €3,727.76 due for your occupation of the premises number 44 forming part of the complex named Savoy Shopping Arcade, Triq ir-Repubblika, Valletta, and also the amount of €3,346.47 due for your occupation of the premises number 45 forming part of the complex known as Savoy Shopping Arcade, Triq ir-Repubblika, Valletta, that collectively amounts to the sum of €9,074.23.

Fin-nuqqas is-soċjetà mittenti qiegħda twissikom illi se tipproċedi bl-azzjonijiet kollha a dispożizzjoni tagħha skont il-liġi, inkluż il-ħruġ tal-mandati appożiti, sabiex tikkawtela l-pożizzjoni tagħha u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

Għal kull bon fini jingħad illi din l-ittra uffiċjali qed issir ukoll għall-finijiet ta-artikolu 1570 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi din l-ittra uffiċjali jkellem avukat bla dewmien.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom u sabiex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutile.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax dovut ai termini tal-ftehim privat datat 4 ta' Diċembru, 2017, su riferit.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In default, the applicant company is warning you that it will proceed against you with all the actions available to it according to law, including the issue of the opportune warrants, to safeguard its position, without further notice.

For all intents and purposes this judicial letter is being made for the purpose of article 1570 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta). Thus it is in the interest of whom receives this judicial letter to contact a lawyer without delay.

So much so that you regulate yourselves and to avoid useless costs and procedures.

With costs and interest due in terms of the private agreement dated 4th December, 2017.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 18th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

279

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2021, fuq talba ta' Lil' Rok Limited u MBI Developers Limited ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil direttarju jew direttarji mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1218/2021, fl-ismijiet Lil' Rok Limited et vs Kuraturi Deputati fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu ta' Lil' Rok Limited (C800270) u MBI Developers Limited (C82707) vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarju jew direttarji li mhux magħrufa, ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-5 ta' Mejju, 2021, fejn Lil' Rok Limited u MBI Developers Limited esponiet bir-rispett:

Illi huma proprjetarji tas-segwenti fondi:

1. Il-flat internament immarkat bin-numru wieħed (1), formanti parti minn blokk bini ta' żewg garaxxijiet, liema flat qiegħed fl-ewwel sular (groundfloor level) ċjoè sottopost il-flat numru tnejn (2) b'entratura komuni bin-numru uffiċjali 78, fi Triq ix-Xemxija, ġieli riferuta bħala Xemxija Hill, Ix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 6th May, 2021, following a request by Lil' Rok Limited and MBI Developers Ltd it was ordered that Deputy Curators be selected to represent the unknown owner or owners in the acts of the schedule of deposit number 1218/2021, in the names Lil' Rok Limited et vs Deputy Curators and in other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 5th May, 2021, in the names Lil' Rok Limited (C800270) and MBI Developers Limited (C82707) vs Deputy Curators nominated to represent the unknown owner or owners, the applicants Lil' Rok Limited and MBI Developers Limited respectfully submitted:

That they are the owners of the following property:

1. The flat internally marked with number 1 forming part of a block of two flats and two garages that are found at groundfloor level, and that is underlying flat number 2, with a common entrance with official number 78 in Triq ix-Xemxija, sometimes referred to as Xemxija Hill, Xemxija, limits of Saint Paul's Bay,

2. Iż-żewg garaxxijiet sottoposti l-appartament numru 1 hawn fuq deskritt, b'aċċess dirett mit-triq, bin-numri uffiċjali 79 u 80 fi Triq ix-Xemxija, ġieli riferuta bħala Xemxija Hill, Ix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar,

3. In-nofs (1/2) indiviż tal-arja tal-blokka bin-numru uffiċjali 78 usque ad caelum u s-sotterran tal-garaxxijiet bin-numri uffiċjali 79 u 80 usque ad inferos,

4. Is-sit li preżentement jikkonsisti f'żewġ flats u żewġ garaxxijiet, wieħed mill-flats sovrapost iż-żewġ garaxxijiet, u l-ieħor sovrapost l-istess flat, f'San Pawl il-Baħar, fix-Xemxija, ġewwa Triq ix-Xemxija, xi drabi magħrufa bħala Xemxija Hill, liema żewġ flats huma internament u privatament enumerati bin-numri 1 u 2 u huma aċċessibbli minn bieb bin-nmru 83, filwaqt li l-garaxxijiet għandhom il-bibien bin-numri 81 u 82 fl-istess triq u liema blokk kollu huwa konfinanti mil-Lbiċ ma' Xemxija Hill, mill-Majjistral ma' proprjetà tal-aventi kawża ta' Emanuel Borg u mix=-Xlokk ma' proprjetà ta' Marsovin Limited jew l-aventi kawża tagħha;

Illi dawn il-fondi huma suġġetti għal ċens annwu u perpetwu ta' €102.50 (vide Dok. LR1 u LR2);

Illi l-esponenti ma jafux lil min hu dovut dan il-kanone u għaldaqstant mhux qed jitħallas;

Illi kontestwalment ma' din iċ-ċedola ta' depożitu, l-esponenti qegħdin jippreżentaw rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interess tad-direttarji mhux magħrufa jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu;

Illi l-esponenti jixtiequ li jiddepożitaw is-somma ta' €512.50 rappreżentanti l-kanone dovut bejn is-sena 2017, u 2021, u tant sabiex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom.

Għaldaqstant, sabiex jesimu ruħhom minn kull responsabbiltà skont il-liġi, l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' €512.50 sabiex din is-somma tiġi liberament żbankata wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Depożitanti: Lil' Rok Limited, Yarramundi, Triq il-Bidnija, Il-Bidnija

MBI Developers Limited, 58, Girasol, Triq Geronimo Abos, L-Iklin

Notifika: Kuraturi Deputati

2. The two garages underlying the apartment number 1 above described with direct access from the road, with official numbers 79 and 80 in Triq ix-Xemxija, sometimes referred to as Xemxija Hill, Xemxija, limits of Saint Paul's Bay,

3. One half (1/2) undivided share of the airspace of the block with official number 78 usque ad cealum and the underground garages with official numbers 79 and 80 usque ad inferos,

4. The site that presently consists of two flats and two garages, one of the flats overlies the two garages and the other underlying the same flat, in Saint Paul's Bay, in Xemxija, in Triq ix-Xemxija, sometimes known as Xemxija Hill, which two flats are internally and privately marked with number 1 and 2 and are accessible from door with number 83, whilst the garages have the door number 81 and 82 in the same road, and which block is bounded from the southwest with Xemxija Hill, from the north west with property of the said Emanuel Borg and from the south east with property of Marsovin Limited or their successors;

That these premises are subject to the annual and perpetual groundrent of €102.50 (Doc. LR1 and LR2);

That the applicants do not know to whom the ground rent is due and thus it is not being paid;

That together with this schedule of deposit, the applicants are filing an application for the nomination of deputy curators to represent the interest of the unknown direct owners or their successor in title;

That the applicants wish to deposit the amount of €512.50 representing the ground rent due between the year 2017, and 2021, and thus regulise their position.

Thus, in order to renounce itself from any responsibility according to law, the applicants are requesting this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €512.50 so that it will be freely withdrawn after leaving the relative receipt according to law.

Applicant: Lil' Rok Limited, Yarramundi, Triq il-Bidnija, Bidnija

MBI Developers Limited, 58, Girasol, Triq Geronimo Abos, Iklin

Notification: Deputy Curators

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla tal-Qorti, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħi, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dr Charmaine Galea, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 6 ta' Mejju, 2021

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are therefore ordered to post a copy of these banns in the entrance of the court and call upon whoever wishes to act as curator to appear within six (6) days in this registry and files a note with a declaration that he is prepared to act as such.

You are also ordered to inform everyone that if there is no such declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Charmaine Galea LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above-mentioned Court.

Today 6th May, 2021

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 18th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Courts and Tribunals

280

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-17 ta' Jannar, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 687/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Donato D'Errico ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Donato D'Errico a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 26 ta' Marzu, 2021

Lil Donato D'Errico (KI 170393A) ta' 6A, Triq Għajn Kajjet, Ir-Rabat (Malta)

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €1,921.45 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti ħames (5) skadenzi ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €384.29, liema kambjali mmaturaw fil-ħmistax-il (15) ġurnata ta' kull xahar minn Novembru, 2020 sa Marzu, 2021, rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A5).

By means of a decree of the 17th January, 2022, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 687/2021, in the names J. Zammit Limited vs Donato D'Errico the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Donato D'Errico in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 26th March, 2021

To Donato D'Errico (ID 170393A) of 6A, Triq Għajn Kajjet, Rabat (Malta)

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €1, 921.45 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 5 expired bills of exchange each of value €384.29, which bills of exchange were due on the 15th day of each month from November, 2020 till March, 2021, respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc.A5).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 18 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

Soo much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 18th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

281

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2021, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1941/2021, fl-ismijiet Awtorità għat-Trasport f'Malta vs il-President u Segretarju tal-Għaqda Koperattiva tas-Sajd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 11 ta' Mejju, 2021

Lill-President u s-Segretarju tal-Għaqda Koperattiva tas-Sajd, ta' Id-Dwana, Xatt is-Sajjied, Marsaxlokk

Permezz tal-preżenti, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa bl-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ta' Awtorità għat-Trasport f'Malta, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, qed tinnotifikakom bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentatata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellakom sabiex tħallsu s-somma ta' €48,611.50, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut minnek lill-mittenti fid-dawl tal-ftehim datat d-9 ta' Marzu, 2011, u l-ftehim datat 14 ta' Ottubru, 2019, għall- (iżda mhux biss) irmiġġ ta' bastimenti u dgħajjes.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, intom inqastu milli tħallsu sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Di piu, ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza.

By means of a decree of the 13th July, 2021, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1941/2021, in the names Malta Trasport Authority vs The President and the Secretary of the Għaqda Koperattiva tas-Sajd, the following publication for the purpose of service of the respondents was ordered in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th May, 2021

To The President and the Secretary of the Għaqda Koperattiva tas-Sajd of Id-Dwana, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk

By the present the Malta Trasport Authority established by means of Article 5 of the Malta Transport Authority Act for Malta Transport of Malta Transport Authority, Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, is notifying you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the effects and purposes of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you so that you pay the amount of €48,611.50, representing the amount due by you to the interpellants in light of the agreement dated 9th March, 2011, and the agreement dated 14th October, 2019, for (but not only) mooring of ships and boats.

Notwithstanding several solicitations by the interpellant for the payment of the amount due, you remaind in default of payment till the date of the filing of this letter. And also there is no valid reason for this delay.

Dan l-att qed jintbagħat lilkom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tagħkom fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddi biex tesegwixxi dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 18 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This act is being sent to you for all the purposes and effects of Law and in default of payment or opposition on your part in terms of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta the interpellant will proceed to execute the credit according to law.

With costs

Registry of the Superior Courts today 18th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

282

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Paul Sammut (KI 464859M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru 4/22 AL) fejn talab il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-minuri Brady Sammut bin-numru 3037/1986 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 21 ta' Frar, 2022

RITA VELLA BALDACCHINO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Paul Sammut (ID 464859M) filed an application under oath (No. 4/22 AL) demanding corrections of the Act Of Birth of the minor Brady Sammut bin-numru 3037/1986 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 22nd February, 2022

RITA VELLA BALDACCHINO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

283

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Frar, 2022, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) ta' Triq l-Imsida, Il-Gżira, ippreżentaw talba fl-10 ta' Novembru, 2021, fejn

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 15th February, 2022, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) of Triq l-Imsida, Gżira, filed a claim on the 10th November, 2021,

talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Eric Jacques Thomas Arnaud (KI 211480A) ta' 93, Flat 7, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Tas-Sliema, sabiex iħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €8,252.4, liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 312/2021RM) hija differita għat-28 ta' Frar, 2022, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

whereby they asked the Court to condemn Eric Jacques Thomas Arnaud (ID 211480A) of 93, Flat 7, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Tas-Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €8, 252.47, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Notice Number 312/2021RM) is deferred to the 28th February, 2022, at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 21st February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

284

DKR 352/2007 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-8 ta' Frar, 2022, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera, LLD) wara rikors ippreżentat minn Stella Grech fl-20 ta' Jannar, 2022, Kumpilazzjoni numru 1284/2007, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Asst Kum. Dennis Theuma)

Kontra:

STELLA GRECH, ta' 79 sena, bint Joseph u Michelina xebba Cassar, imwielda l-Marsa, Malta, fil-11 ta' Diċembru, 1942, residenti fil-fond 'Stella', numru 13, Triq ix-Xemxija, Il-Marsa, Malta, u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 674842M;

DEAN MARTIN; u

JOSEPH GRECH

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata Stella Grech sabiex tiżbanka l-benefiċċji soċjali li huma depożitati fil-kont tat-tfaddil tagħha bin-numru 40018679438 stante li dan l-ammont ma jeċċedix is-somma li hija intitolata lilha bil-liġi.

Din il-pubblikazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5(2) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, insegwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fit-22 ta' Jannar, 2021, wara digriet mogħti fis-16 ta' Novembru, 2021, mill-istess Qorti, insegwitu ta' pubblikazzjoni oħra

DKR 352/2007 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

It is being notified that by a decree dated 08th February, 2022 given by the Criminal Court (Madame Justice Dr Consuelo Scerri Herrera, LLD) following an application filed by Stella Grech on the 20th January, 2022, Compilation number 1284/2007, in the case in the names:

The Police
(Asst. Kum. Dennis Theuma)

Versus:

STELLA GRECH, 79 years, daughter of Joseph and Michelina née Cassar, born in Marsa, Malta, on the 11th December, 1942, residing at 'Stella', No. 13, Triq ix-Xemxija, Marsa, Malta, and holder of Maltese identity card No. 674842M;

DEAN MARTIN; and

JOSEPH GRECH

The Court AUTHORISED the accused Stella Grech to withdraw the social benefits deposited in her savings account bearing number 40018679438 provided that this amount does not exceed the sum to which she is entitled by law.

This publication is being published in terms of Article 5(2) of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta, following another publication published on the 22nd January, 2021, after a

ppubblikata fit-12 ta' April, wara digriet mogħti fit-28 ta' Marzu, 2019, mill-istess Qorti, insegwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fil-31 ta' Diċembru, 2018, wara digriet mogħti fl-20 ta' Diċembru, 2018, mill-istess Qorti, insegwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fl-24 ta' Diċembru, 2018, wara digriet mogħti fit-22 ta' Novembru, 2018, mill-istess Qorti, insegwitu ta' żewġ pubblikazzjonijiet oħra ppubblikati fis-7 ta' Lulju, 2017, wara digriet mogħti fit-13 ta' Ġunju, 2017, insegwitu ta' żewġ pubblikazzjonijiet oħra ppubblikati fis-7 ta' Lulju, 2017, wara digriet mogħti fit-13 ta' Ġunju, 2017, insegwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fl-20 ta' Marzu, 2018, wara digriet mogħti fl-24 ta' Jannar 2018, insegwitu ta' żewġ pubblikazzjonijiet oħra ppubblikati fis-7 ta' Lulju, 2017, wara digriet mogħti fit-13 ta' Ġunju 2017, insegwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fis-6 ta' Mejju, 2016, wara digriet mogħti fis-7 ta' April, 2016, insegwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fit-22 ta' Marzu, 2016, wara digriet mogħti fid-9 ta' Marzu, 2016, mill-Qorti tal-Maġistrati, insegwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fis-27 ta' April, 2015, wara digriet mogħti fl-14 ta' April, 2015, mill-Qorti Kriminali, insegwitu ta' pubblikazzjoni oħra ppubblikata fid-9 ta' Diċembru, 2014, wara digriet mogħti fit-12 ta' Novembru, 2014, mogħti mill-istess Qorti u insegwitu ta' ordni ta' ffriżar mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġ. Dr Consuelo Scerri Herrera) fl-10 ta' Ottubru, 2007, u li kienet ippubblikata fis-16 ta' Ottubru, 2007, fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmija jew li huma proprjetà ta' Joseph Grech, Stella Grech u Dean Martin.

decree given on the 16th November, 2020 by the same Court, following another publication published on the 12th April, 2019, after a decree given on the 28th March, 2019, by the same Court, following another publication published on the 31st December, 2018, after a decree given on the 20th December, 2018, by the same Court, following another publication published on the 24th December, 2018, after a decree given on the 22nd November, 2018, by the same Court, following another publication published on the 20th March, 2018, after a decree dated 24th January, 2018, following another two publications which were published on the 7th July, 2017, after a decree dated 13th June, 2017, following another publication published on the 6th May, 2016, after a decree dated 7th April, 2016, following another publication published on the 22nd March, 2016, after a decree dated 9th March, 2016, given by the Court of Magistrates, following another publication published on the 27th April, 2015, after a decree dated 14th April, 2015, given by the Criminal Court, following another publication published on 9th December 2014, after a decree dated 12th November, 2014, given by the same Court and following a freezing order which was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Mag. Dr. Consuelo Scerri Herrera) on the 10th October, 2007, which was published on the 16th October, 2007, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other movable and immovable property which may be due to or belonging to Joseph Grech, Stella Grech and Dean Martin.

Illum, 16 ta' Frar, 2022

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

Today,16th February, 2022

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

285

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit-8 ta' Frar, 2022, Rikors fl-ismijiet Valerie Cachia vs Raymond Coleiro, Rikors numru 589/21 AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Raymond Coleiro, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Valerie Cachia (KI 165264M) vs Raymond Coleiro (KI 339157M) fl-1 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti Valerie Cachia, talbet lil din l-Onorabbli Qorti,

By means of a decree, given by the Civil Court (Family Section) on the 8th February, 2022, Application in the names Valerie Cachia vs Raymond Coleiro, Application Number 589/21 AL, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Raymond Coleiro, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the names Valerie Cachia (ID 165264M) vs Raymond Coleiro (ID 339157M) on the 1st December, 2021, the applicant Valerie Cachia asked this Honourable Court,

tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn ir-rikorrenti u Raymond Coleiro, u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur, tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

to authorise and pronounce the divorce between the applicant and Raymond Coleiro and declare their marriage dissolved in terms of Article 66A et sequitur of the Civil Codfe, Cap. 16 of the Laws of Malta and uphold the other demands in the application.

Ir-Rikors fl-ismijiet Valerie Cachia vs Raymond Coleiro, Rikors 589/21 AL, jinsab differit għas-smigħ għat-Tlieta, 5 ta' April, 2022, fid- 9.15 a.m.

The Application in the names Valerie Cachia vs Raymond Coleiro, Application 589/21 AL, has been deferred for hearing to Tuesday 5th April, 2022, at 9.15 a.m.

Notifika Intimat: 'St Rita House', 108, Triq San Mikiel, Il-Fgura

Notify Respondent: 'St Rita House', 108, Triq San Mikiel, Fgura

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 21 ta' Frar, 2022

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 21st February, 2022

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registry Civil Courts and Triubunals

286

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju, 2021, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Martina Spiteri et vs Dr Noel Bartolo et noe, Rikors numru 914/2020MH, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 495 A et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

By means of a decree of the 2nd June, 2021, of the First Hall of the Civil Court, in the records of the Application in the names Martina Spiteri et vs Dr Noel Bartolo et noe, Application number 914/2020MH, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 495 A et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Martina Spiteri (KI 799358M), Therese Marquette (KI 525861M), Mario Grima (KI 18965M), Helen Borg (KI 160168M), Mary Grech (KI 683362M), aħwa Grima wlied il-mejtin George Grima u Maria née Xerri, u Darren Grima (KI 531479M) u Sharon Sultana (KI 391077M) ulied il-mejjet Carmelo Grima iben ieħor ta' George Grima u Maria née Xerri vs Dr Noel Bartolo u l-PL Gerald Bonello maħtura b'digriet tas-16 ta' Novembru, 2020, bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-koproprjetarju assenti Joseph Grima u b'nota tal-31 ta' Diċembru, 2021, Dr Noel Bartolo ġie sostitwiet minn Dr Josette Sultana fil-Prim'Awla tal-Qorti , fit-13 ta' Ottubru, 2020, ir-rikorrenti Martina Spiter et esponew bir-rispett u Helen Borg (KI 160168M) bil-ġurament ikkonfermat:

By means of an application in the names Martina Spiteri (ID 799358M), Therese Marquette (ID 525861M), Mario Grima (ID 18965M), Helen Borg (ID 160168M), Mary Grech (ID 683362M), brothers and sisters Grima children of the late George Grima and Maria née Xerri, and Darren Grima (ID 531479M) and Sharon Sultana (ID 391077M) children of the late Carmelo Grima also son of the late George Grima and Maria née Xerri vs Dr Noel Bartolo and PL Gerald Bonello nominated by means of a decree of the 16th November, 2020 as deputy curators to represent the absent co-owner Joseph Grima and by means of a note of the 31st December, 2021, Dr Noel Bartolo was substituted by Dr Josette Sultana in the First Hall of the Civil Court, on the 13th October, 2020, the applicants Martina Spiteri et requested with respect whilst Helen Borg (ID 160168M) confirmed on oath:

1. Illi din l-applikazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

1. That this application is being made in terms of Article 495A of the Civil Code Cap. 16 of the Laws of Malta;

2. Illi l-proprjetà in kwistjoni hija garaxx li jinsab fl-indirizz numru uffiċjali 35 magħruf bl-isem Harris li jinsab

2. That the property in question is a garage that if found at address with official number 35 known with the name Harris

fil-ground floor level sottopost għal beni ta' terzi fi Triq San Lawrenz, Birkirkara;

3. Illi din il-proprjetà kienet tappartjeni lil George u Maria konjugi Grima li ġew neqsin fil-25 ta' Marzu, 2005, u fl-14 ta' Jannar, 2009, rispettivament. Huma ġew suċċeduti mis-seba' wliedhom, Martina Spiteri, Therese Marquette, Mario Grima, Helen Borg, Mary Grech, Carmelo Grima li ġie nieqes fit-22 ta' Settembru, 2017, u wirtuh iż-żewġ uliedu l-atturi Darren Grima u Sharon Sultana u l-konvenut assenti Joseph Grima;

4. Illi mir-riċerki testamentarja li saru rriżulta illi l-aħħar testment ta' George Grima kien dak unica charta tal-20 ta' Ġunju, 2001, in atti tan-Nutar Dr Christopher Gatt, u innomina lis-sebat itfal tagħhom bħala eredi universali tagħhom fi kwoti ndaqs bejniethom, u l-aħħar testment ta' Maria Grima kien dak tat-14 ta' Awwissu, 2007, in atti tan-Nutar Dr Maria Spiteri, in forza ta' liema hija nnominat lil Theresa Marquette bħala eredi universali tal-proprejtarja assoluta tagħha;

5. Illi għalhekk ir-rikorrenti Theresa Marquette tippossjiedi erbgħa minn sebgħa (4/7) indiviżi, filwaqt li s-sitt aħwa l-oħra u ċjoè Martina Spiteri, Mario Grima, Helen Borg, Mary Grech, Carmelo Grima u l-intimat Joseph Grima jippossjiedu r-rimanenti tlieta minn sebgħa (3/7) indiviżi bejniethom u ċjoè wieħed minn erbatax (1/14) indiviżi kull wieħed u waħda minnhom (ara prospett Dok. A hawn unit);

6. Illi r-rikorrenti jixtiequ jgħaddu għall-bejgħ tal-imsemmi garaxx bin-numru uffiċjali ħamsa u tletin (35) magħruf bl-isem Harris jinsab fil-groundfloor level, sottopost għal beni ta' terzi fi Triq San Lawrenz, Birkirkara, suġġett għas-servitujiet passivi inkluż il-mogħdija ta' katusi tad-drains u drenaġġ li jservu l-fondi sovrastanti, u jgawdi d-drittijiet u s-servitujiet attivi riżultanti mill-pożizzjoni relattiva tiegħu, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, inkluż is-sottoswol relattiv tiegħu u inkluża l-bitħa li hija retroposta għall-istess garaxx u minnu formanti parti integrali, skont il-konvenju hawn anness u mmarkat Dok. B redatt min-Nutar Dr Jonathan Zammit u dan versu l-prezz ta' €43,000 li jitħallsu mal-att finali;

7. Illi fuq l-imsemmi konvenju l-attriċi Martina Spiteri kienet dehret ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti ħuha l-konvenut Joseph Grima iżda mbagħad nqata' kull kuntatt u l-imsemmija Martina Spiteri ma baqgħetx tirrappreżentah aktar;

which is found at groundfloor level underlying property of third parties in Triq San Lawrenz, Birkirkara;

3. That this property belonged to George and Maria spouses Grima that died on the 25th March, 2005, and 14th January, 2009, respectively. They are succeeded by their seven children Martina Spiteri,Therese Marquette, Mario Grima, Helen Borg, Mary Grech, Carmelo Grima who died on the 22nd September, 2017, and was inherited by his two children the applicants Darren Grima and Sharon Sultana and the respondent who is absent Joseph Grima;

4. That from the testamentary searches it resulted that the last will of George Grima was that unica charta of the 20th June, 2001, in the records of Notary Doctor Christopher Gatt and nominated his seven children as the universal heirs in equal shares between them, and the last will of Maria Grima was that of the 13th August, 2007, in the records of Notary Doctor Maria Spiteri where she nominated Theresa Marquette as the sole universal heir of her property;

5. Thus the applicant Theresa Marquette owns four parts of seven (4/7) undivided shares, whilst the other six siblings and that is Martina Spiteri, Mario Grima, Helen Borg, Mary Grech, Carmelo Grima and the respondent Joseph Grima own the remaining three parts of seven (3/7) undivided shares between them and that is one part of fourteen (1/14) undivided share each one of them (see statement Doc. A here attached);

6. That the applicants wish to sell the said garage with official number 35 known as Harris, that is found at groundfloor level, underlying third party property in Triq San Lawrenz, Birkirkara, subject to passive servitudes including the passing of drain pipes and drainage system that serve the overlying property, and enjoys the right and active servitudes resulting from its relative position, otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances, including the relative subsoil and including the yard that is at the back of the garage and forms an integral part of the garage, according to the promise of sale here attached and marked as Doc. B in the records of Notary Doctor Jonathan Zammit and this for the price of €43,000 that is paid with the final deed;

7. That the above mentioned promise of sale the applicant Martina Spiteri appeared for and on behalf of her brother who is absent Joseph Grima, but then all the contacts were cut off and the said Martina Spiteri did not continue to represent him;

8. Illi l-intimat mhux se jkun preġudikat finanzjarjament minn dan il-bejgħ stante li l-prezz hu wieħed ġust (ara valutazzjoni Dok. C hawn unit rilaxxjata mill-Perit Arkitett Johan Farrugia);

9. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, jgħidu għalhekk l-intimati nomine l-għaliex din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessjarja u opportuna m'għandhiex:

1. Tawtorizza l-bejgħ tal-garage bin-numru ufficjali 35 u magħruf bl-isem Harris, jinsab fil-ground floor level, sottopost għal beni ta' terzi fi Triq San Lawrenz, Birkirkara, soggett għas-servitujiet passivi nkluz il-mogħdija ta' katusi tad-drains u drenagg li jservu l-fondi sovrastanti u jgawdi d-drittijiet u servitujiet attivi rizultanti mill-posizzjoni relattiva tiegħu, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu inkluż is-sottosuol relattiv tiegħu u inkluża l-bitħa li hija retroposta għall-istess garage u minnu formanti parti integrali;

2. Taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimat assenti Joseph Grima fuq l-att ta' trasferiment skont il-konvenju fuq indikat u biex jiffirmaw għan-nom tal-imsemmi Joseph Grima d-dikjarazzjoni causa mortis rigwardanti s-sehem indiviż tiegħu li ġej mill-eredità ta' missieru George Grima u jitħallsu t-taxxi kollha dovuti;

3. Tistabbilixxi l-ħin, jum, lok fejn u meta għandha ssir il-pubblikazzjoni tat-trasferiment relattiv filwaqt li taħtar lin-Nutar Dr Jonathan Zammit sabiex jippubblika l-istess kuntratt jew kuntratti pubblici.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat kif debitament rappreżentat illi minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni u sa kull provvediment ieħor illi din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Rikorrenti: Martina Spiteri et, 20, Triq San Lawrenz, Birkirkara

Intimat: Kuraturi Deputati

Ir-rikors fl-ismijiet Martina Spiteri et vs Dr Noel Bartolo et noe, Rikors numru 914/2020MH, jinsab differit għat-2 ta' Marzu, 2022, fil-10.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2022

AV. DR FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

8. That the respondent will not be financially disadvantaged from this sale as it is a fair price (see valuation Doc. C here attached made by Architect Johan Farrugia);

9. That the applicants know about these facts personally.

Thus the respondents noe say why this Honourable Court, saving any necessary and opportune declaration, should not:

1. Authorise the sale of the garage with official number 35 known with the name Harris that is found at groundfloor level, underlying third party property, in Triq San Lawrenz, Birkirkara, subject to passive servitudes including the passing of drain pipes and drainage system that serve the overlying property, and enjoys the right and active servitudes resulting from its relative position, otherwise free and unencumbered with all its rights and apurtenances, including the rerlative subsoil and including the yard that is at the back of the garage and forms an integral part of the garage;

2. Nominate deputy curators to represent the absent respondent Joseph Grima on the transfer act according to the promise of sale above mentioned and to sign on behalf of the said Joseph Grima the causa mortis declaration regarding his undivided share that derived from the inheritance his father Geroge Grima and to pay all the taxes that are due;

3. Set a day, place and time for the publication of the relative transfer whilst it nominates Notary Doctor Jonathan Zammit to publish the same public contract or contracts.

With costs against the respondents duly represented that are from now summoned so that a reference to their oath be made and saving any other provision that this Court deems fit and opportune in the circumstances.

Applicant: Martina Spiteri et, 20, Triq San Lawrenz, Birkirkara

Respondent: Deputy Curators

The application in the names Martina Spiteri et vs Dr Noel Bartolo et noe Application number 914/2020MH, is adjourned for hearing to the 2nd March, 2022, at 10.30 a.m.

Reġistry of the Superior Courts, today 21st February, 2022

ADV. DR FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603